# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors numru 1030/16/1 GM**

**Gaetano Vella**

**v.**

**Universita` ta' Malta**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Settembru, 2020 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur jgħid li ġie mċaħħad milli jiggradwa fid-dottorat (Ph.D.) mill-Universita` ta' Malta. B'ittra tal-11 ta' Mejju, 2016, huwa ġie mgħarraf b'deċiżjoni li ttieħdet dwaru mill-Bord tal-Eżaminaturi (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord"), li biha l-Bord qies li t-teżi li huwa ressaq ma laħqitx il-kwalitajiet mistennija f'livell ta' dottorat kif mitlub mir-Regolamenti. Itenni li fil-proċess li wassal għat-tehid ta' dik id-deċiżjoni, il-Bord ħaddem ħażin ir-*Regolamenti ta' l-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.* (minn issa 'l hemm imsejħa "ir-Regolamenti"[1]). Jgħid li l-Bord mar lil hinn mis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi, kif ukoll li d-deċiżjoni li ħa mhix u la ġusta u lanqas waħda raġonevoli. Jitlob it-tħassir tal-imsemmija deċiżjoni, kif ukoll l-għoti ta' rimedju xieraq li jikkonsisti f'dikjarazzjoni li l-Bord għandu jilqa' it-teżi tiegħu b'mod inkondizzjonat u kif ukoll li jingħata kumpens għad-danni li ġarrab;

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa, l-Universita` mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi talbet it-tneħħija tal-att li bih infetħet il-kawża u l-bidla tiegħu b'wieħed aktar xieraq, billi dak l-att jixbah aktar lil xi Nota ta' Osservazzjonijiet milli talba ġudizzjarja. Ittenni li x-xiljiet imressqa huma ta' natura "kostituzzjonali", għaldaqstant l-attur kellu jagħżel bejn kawża kostituzzjonali u dik ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A(1)(a). Żiedet tgħid li l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża ma kellhiex is-setgħa biex tilqa' t-tielet talba billi l-Universita` biss għandha s-setgħat bil-liġi li

[1] A.L. 293 tal-2008 (L.S. 327.101) kif emendati

tagħmel apprezzament ta' xogħol akkademiku u tagħti l-gradi dwaru. Tenniet li t-talbiet ma jirriflettux il-premessi tant li lanqas huwa ċar mill-għemil ta' liema organu jew bord ir-rikorrent qiegħed iressaq l-ilmenti tiegħu. Fil-mertu, ċaħdet ix-xiljiet attriċi u saħqet li l-Bord mexa mar-Regolamenti, u għalhekk ma hemm l-ebda lok għad-danni billi hi ma mxietx b'mala fidi;

4. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi permezz ta' din il-kawża bbażata fuq l-Artikolu 469(A) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur qed jitlob sabiex tiġi riveduta d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu mill-Universita` ta' Malta meta wara li ssottometta t-teżi tiegħu għad-dottorat, permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju 2016*[2] *ġie nfurmat illi l-Bord tal-Eżaminaturi Maltin baqa' mhux konvint li l-emendi li għamel fit-teżi tiegħu kienu jirrendu l-istess teżi ta' livell ta' Ph.D u għalhekk tali dottorat qatt ma ngħatalu;*
>
> *"Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi:*
>
> *"(1) Fl-4 ta' Lulju 2011, l-attur ġie aċċettat sabiex jagħmel kors li jwassal għad-dottorat (Ph.D) – fi ħdan id-Dipartiment tas-Soċjoloġija ġewwa l-Fakultà tal-Arti mill-Universita` ta' Malta*[3] *u dan bi sponsorship permezz tal-Malta Government Scholarship Scheme (MGSS), li kien jorbtu illi jissottometti t-teżi tiegħu sat-30 ta' Settembru 2014 u jekk din id-data ma tintlaħaqx kien ikollu jrodd lura s-somma ta' €27,000.*
>
> *"(2) Kif kien mitlub minnu, fit-30 ta' Settembru 2014 issottometta t-teżi tiegħu intitolata 'The Net at Home : A Sociological Inquiry into Internet, Family and the Domestic Space'. Skond is-supervisor tiegħu Prof Mark Anthony Falzon, it-teżi tal-attur « was still in a very incomplete form » iżda għamel eċċezzjoni billi xorta ħallih jissottomettiha f'verżjoni mhux kompluta biex l-attur ma jitlifx il-flus tal-borża ta' studju.*
>
> *"(3) Fid-29 t'April 2015 l-attur issottometta l-verżjoni finali mingħajr ma wriha lis-supervisor tiegħu.*

[2] Dok K
[3] Dok A a Fol 18

*"(4) Fit-2 ta' Settembru 2015*[4]*, sar l-eżami viva voce quddiem Bord kompost minn tlett eżaminaturi Maltin – Prof Michael Brigulio, Prof Godfrey Baldacchino u Prof Mark Anthony Falzon flimkien ma' żewġt eżaminaturi barranin – Prof Elizabeth B. Silva minn Open University, Londra u Prof Gustavo Mesch mill-Universita` ta' Haifa, Israel. Kien hemm preżenti ukoll s-supervisor tal-attur Prof Mark Anthony Falzon.*

*"(5) Mill-ħames eżaminaturi, Prof. Gustavo Mesch biss qal li l-attur jimmerita li jingħata l-Ph.D. għalkemm elenka lista sħiħa ta' reviżjonijiet li kellhom isiru. L-eżaminaturi l-oħrajn sabu t-teżi difettuża in kwantu għalkemm kien fiha ammont kbir ta' informazzjoni, kien hemm nuqqas ta' interazzjoni bejn l-eżempji deskrittivi u l-kunċetti teoretiċi. It-teżi kienet deskrittiva wisq u ma kellhiex profondità dwar is-soċjoloġija tal-ħajja tal-familja.*

*"(6) Skont is-supervisor tiegħu Prof. Mark Anthony Falzon, waqt il-viva, l-attur mar ħażin. Ma għenx ruħu, kien eċċitat ħafna u ħafna drabi r-risposti għall-mistoqsijiet ma kinux jagħmlu sens.*

*"(7) L-attur jisħaq illi waqt l-eżami viva voce ma kien hemm l-ebda kumment negattiv jew kritika min-naħa tal-eżaminaturi, tant illi meta ntemm l-eżami Profs Troisi illi kien ic-chairperson, ikkongratulah quddiem l-bqija tal-bord filwaqt li qallu sabiex jagħmel l-emendi illi kienu qalulu biex jagħmel. Il-verżjoni ta' Profs Troisi fir-rapport mibgħut lir-Registrar iżda hija differenti għaliex qal illi ikkongratulah għaliex prova jikkalmah meta ra lill-attur mimli tensjoni waqt il-viva. Il-Professur ma ġiex prodott bħala xhud mill-attur minkejja li ġibed bħala xhieda bosta persuni oħrajn biex jinterpretaw il-kelma 'congratulations'. Xhieda dawn bla ebda piż probatorju, għaliex prodotti biex jagħtu opinjoni – minkejja li mhumiex 'expert witnesses'. Lanqas seta' l-Professur jiġi nġunt mill-konvenuta billi sadanittant laħaq ħalla din id-dinja. Għalhekk l-attur minkejja n-numru kbir ta' xhieda li tella' naqas li jipproduċi x-xhud li lissen il-kliem in kwistjoni - li kienet tkun l-aħjar prova.*

*"(8) Wara l-viva l-attur ġie mitlub jagħmel tibdiliet sostanzjali fit-teżi u ngħata żmien sat-2 ta' Marzu 2016.*

*"(9) L-attur jgħid illi l-lista kompluta tal-emendi li kellu jagħmel baqgħet qatt ma waslet għandu, għalkemm dan kellu jsir ai termini tar-Reg. 44(2) tal-Ph.D Regulations 2008.*

*"(10) Giet sottomessa verżjoni oħra tat-teżi.*

*"(11) Fit-28 t'April 2016 iltaqgħu it-tlett eżaminaturi Maltin li kkonkludew li għalkemm l-attur kien tejjeb it-teżi, xorta waħda ma laħaqx il-livell ta' dottorat.*

*"(12) Fil-11 ta' Mejju 2016 intbagħtet ittra lill-attur li t-teżi ma kinitx tal-livell tal-Ph.D. Offrewlu li jsirlu eżami viva voce biex jingħata lawrja ta' M. Phil. Iżda l-attur irrifjutaha.*

---

[4] Dok D a fol 39

*"(13) Wara l-viva, l-attur iltaqa' ma' Dr Brigulio u anke' ma' Profs Baldacchino sabiex jiddiskutu l-emendi. Dan għamluh minkejja li ma kinux obbligati jagħmlu dan.*

*"(14) L-attur jgħid illi tant kien għamel biċċa xogħol tajba, illi Dr Brigulio kien talbu biex jagħmel paper mit-teżi tiegħu ħalli tiġi ppublikata fil-ktieb li kien se jippubblika Dr Brigulio stess. Wasal għandu biss ir-rapport li kien sar min-naħa tal-eżaminaturi Maltin qabel il-viva u meta talab l-emendi tal-eżaminatur barrani Prof Mesch lil Prof Troisi ma ngħatalux. Sussegwentament l-attur ikkuntattja direttament lil Profs Mesch u eventwalment għaddielu r-rapport fejn kellu kliem ta' tifħir u kkonkluda illi '…the manuscript is a thesis that is appropriate for the degree of Ph.D and recommended to the Department of Sociology (University of Malta) warmly and without any hesitation to approve the manuscript as a doctoral thesis.'[5] Fl-istess binarju huwa ukoll l-affidavit ta' Profs Silva fejn ikkonfermat illi t-teżi tal-attur hija ta' livell ta' Ph.D u jimmerita tali dottorat wara x-xogħol siewi li għamel[6].*

*"(15) Fir-rapport li għamel wara li ġew sottomessi l-emendi, datat 17 ta' April 2016, Prof Baldacchino irrimarka illi xorta baqa' mhux konvint illi t-tibdil magħmul minn naħa tal-attur irrifletta l-livell meħtieġ u għalhekk irrakkomanda illi m'hemmx għalfejn li jsir viva oħra għax din ma kienitx se tbiddel is-sitwazzjoni.[7]*

*"Il-Professur Godfrey Baldacchino, li kien wieħed mill-eżaminaturi Maltin tat-teżi tal-attur, xehed illi l-attur għamel xogħol metikoluż u biċċa xogħol tajba ħafna iżda rrileva illi l-attur ġabar l-informazzjoni u baqa' fuq livell tekniku u dan mhux biżżejjed għal-livell ta' Ph.D. Kien hemm nuqqas għaliex l-attur ma fliex l-informazzjoni li ġabar u ħareġ b'teoriji ġodda jew raffinament ta' teoriji eżistenti. Jħoss illi l-attur ma kienx kapaċi joħroġ konklużjoni xjentifika minn dak li kien ġabar, la fit-teżi u wisq anqas fl-orali. Waqt il-viva hu u l-eżaminaturi l-oħra bdew jistaqsuh x'konklużjonijiet wasal għalihom u għaliex iżda ma kienx kapaċi jweġibhom u beda jaġita ruħu. Ma jaqbilx mal-konklużjonijiet illi taw l-eżaminaturi barranin anke jekk dawn huma aktar esperti minnu fis-suġġett għax skond hu mhuwiex prinċipju ta' suġġett imma kemm tista' toħroġ konklużjonijiet la darba tkun ġbart l-informazzjoni. Wara l-viva huwa xtaq illi l-attur jieħu s-suġġerimenti tiegħu u tal-eżaminaturi l-oħra ħalli joħroġ il-konklużjonjiet u jkun aktar analitiku. Jgħid illi s-suġġerimenti għaddihomlu hard copy bil-ktiba tiegħu fuq kopja tat-teżi – dak li kien uża għal waqt il-viva u mhux bħala rapport ħolistiku mal-membri tal-bord kollu. Jgħid illi n-nuqqasijiet analatiċi li kienu fl-ewwel abbozz tat-teżi baqgħu ma tranġawx wara l-emendi.*

*"Dr Brigulio qabel il-viva dehrlu illi t-teżi tal-attur ma kinitx ta' livell ta' dottorat u filfatt elenka dan il-ħsieb fir-rapport tiegħu. Jgħid illi waqt il-viva l-prestazzjoni tal-attur kienet fqira ħafna għax ma bediex jirrispondi mistoqsijiet tekniċi illi bdew isirulu. Xehed illi l-attur ġabar ħafna*

[5] Dok I a fol 55
[6] Fol 174
[7] Dok U a fol 92

*informazzjoni iżda ma rnexxilux janalizza din l-informazzjoni b'mod kritiku u soċjoloġiku u baqa' ma rranġax dan lanqas wara l-emendi finali ;*

*"Illi r-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. jistabbilixxu din il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-approvazzjoni tat-teżijiet (L.S.327.101):*

> *"42. (1) It-teżijiet għandhom ikunu eżaminati minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, u għandu jinkludi Chairman, eżaminatur barrani, u mill-anqas membru ieħor, sakemm li l-eżami orali tat-teżi jsir mill-anqas minn tliet eżaminaturi inkluż l- eżaminatur barrani…*
>
> *"44. (1) L-eżami tat-teżijiet għad-dottorat għandu jsir f'żewġ stadji:*
>
> *"(a) is-sottomissjoni mill-istudent u l-evalwazzjoni preliminari mill-Bord ta' l-Eżaminaturi. u*
>
> *"(b) id-difiża orali tat-teżi.*
>
> *"(2) Fl-evalwazzjoni tat-teżi, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jeħtieġ:*
>
> *"(a) evidenza li hija tirrappreżenta kontribuzzjoni sinifikanti għall-għerf f'qasam ta' studju partikolari.*
>
> *"(b) evidenza ta' oriġinalità.*
>
> *"(ċ) evidenza tal-ħila ta' l-istudent li jgħaqqad is-suġġett tat-teżi mal-korp ta' għarfien eżistenti.*
>
> *"(d) evidenza tal-ħila ta' l-istudent li japplika metodi ta' riċerka xierqa għas-suġġett u*
>
> *"(e) livell sodisfaċenti fil-preżentazzjoni letterarja.*
>
> *"(3) Kull eżaminatur għandu jissottometti rapport preliminari indipendenti liċ-Chairman tal-Bord ta' l-Eżaminaturi. Fir-rapport, kull eżaminatur għandu jikkonsidra jekk it-teżi tissodisfax provviżorjament ir-rekwiżiti għall-għoti tal-Grad ta' Ph.D. u fejn possibbli, jagħmel rakkomandazzjoni provviżorja xierqa suġġetta għar-riżultat ta' l-eżami orali.*
>
> *"(4) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jressaq lill-istudent għal eżami orali* ***wara li jew japprova t-teżi għall-Ph.D. bla kondizzjonijiet jew suġġetta għall-korrezzjoni ta' żbalji minuri***[8] *għas-sodisfazzjon tas-Superviżur Prinċipali.*
>
> *"(5) Jekk il-Bord ta' l-Eżaminaturi ma jkunx sodisfatt bil-kwalità tat-teżi, huwa ma jressaqx lill-istudent għall-eżami*

[8] Enfasi miżjuda mill-Qorti

*orali u għandu jew -*

*"(a) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien minimu ta' sitt xhur u massimu ta' tnax-il xahar f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Eżaminaturi jew*

*"(b) ma jippermettix lill-istudent li jerġa' jissottomettiha f'forma riveduta iżda jressaq lill-istudent għal eżami orali għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil. minflok jew*

*"(ċ) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien sitt xhur f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' l- Eżaminaturi għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil. minflok jew*

*"(d) ma jagħtix permess biex jerġa' jissottomettiha u jiddikjara li ma jingħata l-ebda grad,*

*"sakemm li permess skont il-paragrafi (a) jew (ċ) jingħata darba biss.*

*"**45.** (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jiddefendu t-teżi tagħhom oralment quddiem il-Bord ta' l-Eżaminaturi. L-eżami orali għandu jkopri s-suġġett tat-teżi u materji relevanti għaliha.*

*"(2) L-eżami orali għandu jsir fl-Universita` ta' Malta għall-istudenti kollha.*

*"(3) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jissottometti rapport finali (flimkien mar-rapporti individwali ta' l-eżaminaturi) lis-Senat, li għandu jinkludi dikjarazzjoni raġunata dwar il-ġudizzju tagħhom fuq il-livell milħuq mill-istudent…*

*"**47.** (1) Wara l-eżami orali, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jew:*

*"(a) jissottometti lill-Kumitat u lis-Senat rapport finali wieħed li jinkludi r-rakkomandazzjoni tagħhom dwar l-għoti tal-Grad tal-Ph.D.. jew*

*"(b) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u għas-sottomissjoni mill-ġdid fi żmien sitt xhur f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' l- Eżaminaturi, u li jressaq lill-istudent għal eżami orali ieħor, jekk il-Bord ta' l-Eżaminaturi jiddeċiedi hekk.*

*"(2) Ir-rapport finali ta' l-eżaminaturi kollha għandu jipprovdi kummenti dettaljati biżżejjed dwar l-iskop u l-kwalità tax-xogħol kif jidher mit-teżi miktuba u mid-difiża orali. Barra minn rimarki ġenerali dwar fejn it-teżi hija b'saħħitha u fejn hija batuta, ir-rapport għandu jinkludi, bħala appendiċi, lista ta' rimarki dwar xi titjieb speċifiku jew żbalji minuri li jeħtieġu korrezzjoni. Din il-lista għandha tingħata lill-istudent għall-gwida biex itejjeb id- dokument. Għandha tkun ir-*

*responsabbiltà taċ-Chairman li jiżgura li l-korrezzjonijiet u l-emendi meħtieġa fit-teżi saru sewwa;*

*"Illi l-attur jinterpreta r-Regolament 44(4) bħala li jfisser li ġaladarba ġie msejjaħ għall-oral, il-Bord kellu biss żewġ options: jew li japprova t-teżi bla kundizzjoni, inkella japprovaha soġġett għal minor emendments; Abbażi ta' din l-interpretazzjoni huwa jirraġuna li ġaladarba ma ntalabx jagħmel minor emendments, it-teżi ġiet approvata mingħajr ebda kundizzjoni. Dan ir-Regolament iżda ma jistax jiġi estrapolat mill-bqija tar-regolamenti biex jiġi nterpretat in vacuo. Kwalunkwe disposizzjoni tal-liġi trid tinqara fil-kuntest tagħha u flimien mal-bqija tan-normi li tkun tifforma parti minnhom; l-istess bħal klawżola f'kuntratt li trid tinqara flimkien mal-klawżoli l-oħrajn fl-istess kuntratt, u mhux iżolatament. Biżżejjed jingħad li r-Regolament 47(1)(b) jagħti l-fakolta` lill-Bord, wara l-orali, li jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri. Għalhekk għandu jkun ċar li l-fatt li l-Bord isejjaħ lill-kandidat għall-oral ma jfissirx li t-teżi tkun bilfors laħqet, jew kważi laħqet, il-livell meħtieġ;*

*"Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk dawn iż-żewġ regolamenti li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru konfliġġenti u kontradittorji jistgħux jiġu nterpretati b'mod koerenti u konsistenti;*

*"Illi r-Regolament 44(1) jagħmilha ċara li l-eżami tat-teżijiet tad-dottorat jikkonsisti f'żewġt istadji: il-kitba tat-teżi u d-difiża orali tagħha. Billi r-Reg. 44(1) huwa l-governing provision, il-bqija tar-Regolament għandu jinqara fil-parametri tad-disposizzjoni tiegħu. Id-difiża orali għalhekk hi parti ntegrali mill-eżami u mhux sempliċi formalità. L-eżami orali huwa ttrattat mhux biss fir-Regolament 44(4) iċċitat mill-attur, imma wkoll b'mod awtonomu fir-Regolamenti numri 45, 46, u 47. Filwaqt li Reg. 44 jitratta t-"<u>teżijiet għad-dottorat</u>" (fi kliem in-nota marġinali tiegħu) b'mod ġenerali; min-naħa l-oħra r-Reg. 45 ("Eżami Orali" fi kliem in-nota marġinali tiegħu), Reg 46 ("Data tal-eżami orali") u r-Reg. 47 ("Riżultat tal-Eżami Orali" fi kliem in-nota marġinali tiegħu) jitrattaw speċifikament <u>l-eżami orali</u>. Għalhekk f'każ ta' konflitt t'interpretazzjoni, id-disposizzjonijiet tar-Reg. 45, 46, u 47 għandu jipprevalu fuq ir-Reg. 44.*

*"Għalkemm ir-Regolamenti in kwistjoni setgħu jiġu miktubin b'mod iktar ċar, ma jidhirx li huma bilfors loġikament irrikonċiljabbli. Minn qari tagħhom flimkien jidher li:*

*"1. Kull eżaminatur jissottometti rapport preliminari indipendenti dwar jekk it-teżi tissodisfax proviżorjament ir-rekwiżiti (Reg. 44(3).*

*"2. Jekk il-Bord ma jkunx sodisfatt bil-kwalita` tat-teżi, ma jagħmilx l-eżami orali u jagħżel waħda mill-alternattivi li jagħtuh Reg. 44(5)(a),(b),(c) jew (d) fosthom – għal dak li jinteressa din il-kawża – li jitlob reviżjoni maġġuri tat-teżi.*

*"2. Jekk il-Bord jara li t-teżi tissodisfa, proviżorjament, ir-rekwiżiti tal-Ph.D., jiffissa data għall-eżami orali.*

*"3. Il-Bord, wara l-orali, jista':*

*"(i) japprova t-teżi bla kundizzjonijiet.*

*"(ii) japprova t-teżi soġġetta għall-korrezzjoni ta' żbalji minuri (Reg. 44(4)).*

*"(iii) jordna reviżjoni maġġuri tat-teżi u jiddeċiedi jekk iressaqx lill-istudent għal eżami orali ieħor.*

*"4. Reg. 44(4) jagħmilha tassattiva li, wara li l-Bord japprova t-teżi (bla kundizzjoni jew suġġetta għal żbalji minuri) iressaq lill-istudent għall-eżami orali. Imma dan ma jfissirx li l-Bord jista' jagħmel l-eżami orali biss wara li japprova t-teżi. Ifisser biss li jekk japprova t-teżi, irid bilfors jagħmel l-eżami orali. Hekk, fl-ipoteżi li l-Bord wara l-eżami orali, jordna reviżjoni maġġuri, u din issir għas-sodisfazzjon tiegħu, huwa jkun obbligat jagħmel eżami orali ieħor;*

*"Illi għalhekk ma jirriżultax illi l-Bord ma kienx awtorizzat jasal għad-deċiżjoni tiegħu bi ksur tal-Art. 469A(b)(i), jew li m'osservax ħtiġijiet proċedurali mandatorji bi ksur tal-Art. 469A(b)(ii), jew li l-egħmil tiegħu mar b'xi mod ieħor kontra l-liġi bi ksur tal-Art. 469A(b)(iv);*

*"Illi lanqas jirriżulta li l-Bord irrifjuta li jgħaddi lill-attur mill-eżami għal għanijiet mhux xierqa jew minħabba kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti bi ksur tal-Art. 469A(1)(b)(iii) billi huwa iktar milli ovvju li l-Bord segwa l-kriterji stabbiliti mir-Regolament 44(2) suċċitat. Illi ma jistax jiġġjova lill-attur il-fatt li wieħed mill-external examiners approva t-teżi tiegħu. L-external examiner ma kellux xi status speċjali u għalhekk ma jirriżultax li kellu jingħata piż iktar mill-fehma tal-eżaminaturi Maltin. Kien hemm external examiner oħra li kellha wkoll riżervi fuq it-teżi tal-attur. Din il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa li tikkwerela l-ġustizzja o meno tal-Bord tal-eżaminaturi. Ma tistax tissostitwixxi l-fehma tagħha – hi x'inhi – għall-fehma tagħhom. Ma tistax tilbes it-toga tal-akkademiċi u tpoġġi fuq is-siġġu tal-eżaminaturi. Mhix sede tal-appell, imma sentinella li tiżgura li l-amministrazzjoni ma teċċedix u ma tabbużax mill-vires lilha mogħti mil-leġislatur. Diment li l-egħmil amministrattiv isir rite et recte l-Qorti ma tindaħalx. Dak li tista' tagħmel hu li tindaga jekk ġietx segwita l-procedura; jekk id-deċiżjoni saritx għal raġunijiet estranji jew mhux xierqa – dan ma jirriżultax li hu l-każ – jew jekk kinitx raġonevoli. Il-Qorti mhix sejra toqgħod tinħela wisq fuq it-tifsira tal-kelma « raġonevoli » fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju, għajr li tirriafferma dak li ġja` ġie ripetut diversi drabi fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li żewġ persuni raġonevoli jistgħu jaslu għal konklużjonijiet opposti u li biex deċiżjoni titqies li mhix raġonevoli trid tkun tali li l-ebda persuna raġonevoli ma kienet tasal għaliha. Id-deċiżjoni tal-Bord, kif ġja` ngħad, tista' tkun tajba u tista' tkun ħażina; l-imħallef sedenti jista' jaqbel u jista' ma jaqbilx magħha – s'intendi dejjem in pectore (għaliex hu prekluż milli jesprimi fehmtu mil-liġi; apparti li ċertament mhux espert tal-materja). - M'hemmx dubbju iżda li d-deċiżjoni tal-Bord mhix tant irraġonevoli li l-ebda persuna raġonevoli ma kienet tasal għaliha. Id-deċiżjoni tal-Bord*

*mhix sorretta b'raġunijiet li jikkostitwixxu strapp mil-loġika jew is-sens komun;*

*"Illi l-attur jallega wkoll li ma ngħatax smiegħ xieraq. Dan żgur li mhux il-każ għaliex mhux talli ma ngħatax smiegħ xieraq imma talli l-Universita` saħansitra went out of its way biex tgħinnu, anke biex jirrevedi t-teżi tiegħu. Għalhekk lanqas issib ksur tal-Art. 469A(1)(ii) minn dan il-lat*";

5. Illi l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat mill-imsemmija sentenzi u b'Rikors tal-Appell tad-9 ta' Ottubru, 2020, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassarha u, minflok, tilqa' it-talbiet tiegħu. Tajjeb li jingħad li, f'dan l-istadju, ma baqax jinsisti dwar il-ħames u s-sitt talbiet tiegħu, u żamm sħiħ il-jedd tiegħu li jitlob id-danni flimkien mal-imgħaxijiet fi stadju ulterjuri;

6. Illi permezz ta' Tweġiba tad-29 ta' Ottubru, 2020, l-Universita` appellata laqgħat billi qalet li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant. Tgħid ukoll li billi dan l-appell għandu mill-fieragħ, tistieden lil din il-Qorti biex tapplika s-sanzjoni taħt id-disposizzjoni tal-Artikolu 229(9) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fil-konfront tal-appellant;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2021, f'liema smigħ ħalliet l-appell għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-appellant jilmenta minn deċiżjoni li ngħatat mill-Bord fil-11 ta' Mejju, 2016[9], li biha ġie mgħarraf li t-teżi li huwa ressaq għall-grad ta' Dottorat ma setgħetx tintlaqa' billi ma laħqitx il-kwalitajiet mistennija f'dak il-livell kif jitolbu r-Regolamenti. Irid li d-deċiżjoni titħassar, kif ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-Bord għandu jilqa' bla ebda kundizzjoni t-teżi li ressaq. Jitlob ukoll kumpens għad-danni li ġarrab. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tiegħu u sabet li ma hemmx ksur tal-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

10. Illi l-**aggravju tal-appell**, għalkemm imqassam taħt ħdax-il paragrafu, jista' jinġabar taħt tliet punti. L-ewwel, li l-ewwel Qorti qalbet il-piż tal-prova minn fuq l-appellata għal fuqu fir-rigward ta' dak li ngħad lilu miċ-*Chairman* tal-Bord waqt l-eżami orali tat-teżi, meta dan ma kellux ikun. It-tieni, li l-ewwel Qorti tat tifsira ħażina tar-Regolamenti li kellhom imexxu 'l-Bord hu u jqis it-teżi tal-appellant. Filwaqt li fit-tielet aggravju, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti fissret ukoll b'mod ħażin il-fatti li tressqu quddiemha;

[9] Dokti "K", "UM F" u "GUS4", f'paġġ. 72, 140 u 219 tal-proċess

11. Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tibda billi tqis l-ewwel u qabel kollox **it-tielet aggravju.** L-appellant jgħid li l-Qorti tat tifsira ħażina tal-fatti li tressqu quddiemha. Dan jgħidu l-aktar fil-konfront tal-għadd kbir ta' professuri minn fakoltajiet differenti ġewwa l-Universita` ta' Malta, li xehdu dwar it-tħaddim tar-Regolamenti;

12. Illi għal dan l-aggravju l-Universita` appellata tilqa' billi tgħid li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti fl-ewwel istanza, u li biex tasal li tagħmel dan iridu jkunu jeżistu raġunijiet serji. Tgħid li t-tifsira tal-fatti li l-ewwel Qorti tat lill-provi mressqa quddiemha ma kinitx waħda li titlob tali reviżjoni minn din il-Qorti;

13. Illi ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[10]. Dan il-prinċipju, madankollu, ma jnaqqas xejn mill-fatt li "*il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-*

[10] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***

*konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[11];

14. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti għoġobha tagħżel li tagħti minn żniedha tifsira tar-Regolamenti minflok tqis ix-xhieda ta' persuni akkademiċi li kellhom esperjenza fit-tħaddim tal-istess Regolamenti u tgħarbel jekk dak it-tħaddim kienx skond ma titlob il-liġi;

15. Illi minn qari tas-sentenza appellata, tabilħaqq l-ewwel Qorti ma tikkummenta xejn fuq ix-xhieda mogħtija mill-akkademiċi li tressqu b'xiehda u lanqas ta' dawk li servew ta' membri fuq il-Bord. Il-Qorti tagħraf li biċċa sewwa mill-eżerċizzju tal-azzjoni attriċi kienet titlob eżami tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola l-mod kif student f'livell ta' studju bħalma kien l-appellant kellu jkun eżaminat u mgħarbel. Wara kollox, l-azzjoni attriċi kienet waħda msejsa fuq xilja li l-

[11] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

Bord mexa bi ksur tal-liġi u wkoll b'mod *ultra vires*. Biex wieħed ikun f'qagħda li jara jekk din ix-xilja hijiex minnha, wieħed bilfors irid iqis x'inhi l-liġi (f'dan il-każ, il-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola l-materja) u jagħti tifsir tagħha. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti kien meħtieġ;

16. Illi f'qagħda bħalma hija din tallum, il-Qorti għandha tirrileva li t-tifsira xierqa trid issir dwar il-liġi li kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti għall-każ. Dan qiegħed jingħad għaliex waħda mill-kawżali li fuqhom l-appellant sejjes l-azzjoni tiegħu kienet dik li l-Universita` naqset li tħares xi ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-proċess amministrattiv minnu attakkat;

17. Illi l-ilmenti tal-appellant kienu jitolbu stħarriġ taċ-ċirkostanzi fattwali li ġraw u l-qafas tal-prattika li l-Universita` kienet timxi magħha fejn jidħol il-proċess tal-evalwazzjoni tat-teżijiet fid-dawl tar-Regolamenti fis-seħħ. Eżerċizzju bħal dak irid jitkejjel mal-ġrajja kif seħħew, magħdud ukoll kif il-liġi rilevanti kienet titħaddem f'każijiet bħal dawn u kif tħaddmet fil-każ tal-appellant. Għalhekk, din il-Qorti tqis li x-xhieda mogħtija mill-imsemmija akkademiċi msejħa mill-partijiet m'għandhiex titwarrab. Din il-Qorti, hija u tifli l-atti proċesswali, sabet li dik ix-xhieda kienet ta' għajnuna siewja għaliha biex wasslitha tifhem il-prattiċi mħaddma mid-diversi fakultajiet fl-Universita` – magħduda dik li tolqot lill-appellant – meta jiġu

biex jeżaminaw studenti f'livell ta' dottorat bħalma kien l-appellant, liema prattiċi, kif bir-raġun jgħid l-appellant[12], isibu l-qofol tagħhom fl-istess Regolamenti;

18. Illi minn din ix-xhieda ħareġ li (1) fuq il-Bord, il-membri barranin (u anke Maltin) jintgħażlu minn fost akkademiċi (internazzjonali fir-rigward ta' dawk barranin) li jispeċjalizzaw fil-qasam li l-istudent ikun qed jistudja fih[13]; (2) illi l-preżenza ta' dawn l-esperti barranin fuq il-Bord għandha importanza u daqstant ir-rapport li jaslu għalih għandu jiġi meqjus[14]; (3) hija r-responsabbilita` tac-*Chairman* li jgħarraf lill-istudent bit-tibdiliet li jkunu meħtieġa li jsiru fit-teżi li huwa jkun kiteb wara li jkun resaq għal *viva*[15]*;* (4) student li jintalab joqgħod għall-eżami tal-*viva* jfisser li t-teżi tiegħu hija f'livell ta' dottorat[16]; (5) il-*viva* tista' tikxef affarijiet li l-membri ta' bord ma jkunux jafu bihom mill-qari tat-teżi[17]; u (6) waqt il-*viva*, xogħol is-*supervisor* huwa ta' osservatur biss[18], minkejja li jkun attenda għall-*viva*[19];

---

[12] Para 6 tar-Rikors tal-Appell
[13] Ara x-xhieda ta' Fr John Avellino f'paġ. 187 u 188; Prof. Jean Calleja Agius f'paġ. 194; Prof. Victor Mallia Milanes f'paġ. 256; Prof. Rev. George Grima f'paġ. 280; u Prof. Ernest Cachia f'paġ. 344 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Prof. Rodrick Pace f'paġ. 264
[15] Ara x-xhieda ta' Prof. Jean Calleja Agius f'paġ. 198; Prof. Roderick Pace f'paġ. 263, Prof. Rev. George Grima f'paġ. 283; Prof. Marianne Lauri f'paġ. 308 u 311; Prof. Frank Camilleri f'paġ. 327F, Prof. Frank Bezzina f'paġ. 345; Rev. Dr Joe Inguanez f'paġ. 378, u Prof. Dominic Fenech f'paġ. 550 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Rev. Fr John Avellino f'pap, 187 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Rev. George Grima f'paġ. 288
[18] Reg. 42(3) tal-A.L. 293/08
[19] Ara x-xhieda ta' Prof. Mark Anthony Falzon f'paġ. 570 tal-proċess

19. Illi wara li ħadet qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti naqset li tagħti piż kif mistħoqq lix-xhieda mressqa mill-appellant dwar it-tħaddim tar-Regolamenti, u qisithom biss mil-lenti ta' dokument legali maqtugħ minn dik li l-Universita` appellata ssejħilha "l-prassi u konswetudni". Din il-kostatazzjoni toħroġ aktar rilevanti meta l-ewwel Qorti nnifisha qieset li kellha tara jekk iż-żewġ regolamenti – r-regolamenti 44 u 47 – "li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru konfliġġenti u kontradittorji jistgħux jiġu interpretati b'mod koerenti u konsistenti" u li l-istess regolamenti "setgħu jiġu miktubin b'mod aktar ċar" għalkemm li mhux tabilfors kienu irrikonċiljabbli;

20. Illi, f'dan ir-rigward, dan l-aspett tal-aggravju tal-appellant jidher mistħoqq u għandu mis-sewwa u sejjer jintlaqa', suġġett għall-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti sejra tagħmel aktar 'il quddiem;

21. Illi **bit-tieni aggravju** l-appellant jgħid li l-liġi hija ċara fir-rigward tal-proċedura mtennija taħt ir-regolament 44 tar-Regolamenti u l-ewwel Qorti ma kellhiex tmur għat-tħaddim u tqabbil ta' regolamenti oħrajn, ladarba dak ir-regolament ma kien jeħtieġ l-ebda tifsir. Fil-fehma tiegħu, ladarba l-Bord kien bagħat għalih għall-eżami orali, dan kien ifisser li kien jgħodd ir-regolament 44(4) , li jgħid li l-Bord kellu jibgħat għall-kandidat għall-*viva* jekk kemm-il darba jew ikun approva t-teżi għad-dottorat bla ebda kundizzjoni, jew jekk ikun approvaha suġġett għal xi bidliet jew tiswijiet

żgħar ("minuri"). Għalhekk, l-ittra mibgħuta lilu mill-Bord fil-11 ta' Mejju, 2016, ntbagħtet bi ksur tal-liġi u b'nuqqas ta' ħarsien tar-Regolamenti fis-seħħ dak iż-żmien. Huwa jilminta wkoll li l-ewwel Qorti injorat l-obbligu mpost fuq iċ-*Chairman* tal-Bord li jgħaddilu fi żmien xieraq il-lista ta' ħwejjeġ li kien mistenni jindirizza fit-teżi mtejba tiegħu, kif irid ir-regolament 47(2), u kif ukoll li warrbet l-ilmenti mressqa minnu quddiemha f'dan ir-rigward. Itenni li l-ewwel Qorti għamlet sforz biex tbiddel dak li jgħidu r-Regolamenti ħalli tasal għall-fehmiet tagħha;

22. Illi l-appellata, tilqa' billi tgħid li l-fatt li kandidat jintalab joqgħod għall-eżami tal-*viva* ma jfissirx li huwa jkun ressaq xogħol li tabilfors ikun ta' livell li ġab id-dottorat u jew l-ekwivalenti tiegħu. Tgħid li, kieku din hija t-tifsira li għandha tingħata lir-Regolamenti, jkun ifisser li l-*viva* ma għandha l-ebda siwi intrinsiku u titqies bħala sempliċi formalità. Tgħid li l-proċess kollu maħsub fir-Regolamenti jrid jitqies għaliex is-sejħa għall-eżami orali hija maħsuba wkoll f'ċirkostanzi oħrajn u mhux għaliex ix-xogħol imressaq ikun diġa` laħaq il-livell mistenni;

23. Illi l-ewwel Qorti qieset li r-regolament 44(1) jistabilixxi r-regola ġenerali li, biex kandidat jikseb id-dottorat, huwa jeħtieġlu jgħaddi minn żewġ provi: il-kitba tax-xogħol li jressaq bħala teżi għall-evalwazzjoni preliminari tal-Bord, u l-eżami orali. Għalhekk qablet mal-appellata li l-*viva* hija element kostitutiv tal-livell meħtieġ biex kandidat jikseb id-

dottorat u mhux biss eżerċizzju supplimentari f'każ li l-ewwel għarbiel (it-tressiq tat-teżi) ikun ingħeleb. Fissret ukoll li r-regolament 44(4) huwa kumplimentari għar-regolamenti l-oħra u ma għandux jinqara għalih waħdu. Qieset li s-sub-regolament (4) "*Ifisser biss li jekk (il-Bord) japprova t-teżi, irid bilfors jagħmel l-eżami orali*", iżda mhux kull sejħa għal eżami orali tfisser li x-xogħol imressaq huwa diġa` meqjus mill-Bord bħala approvat. Minn dan l-aspett, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti;

24. Illi l-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjoni li għandha quddiemha ma hijiex daqstant it-tħaddim tas-sub-regolament (4) daqs kemm it-tħaddim tas-sub-regolament (5) tar-regolament 44. Tqis ukoll li r-Regolament 44(5) irid jinqara fid-dawl ta' dak li jrid ir-regolament 47(1);

25. Illi minn qari tar-Regolamenti, huwa mistenni li meta l-eżaminaturi jirċievu kopja ta' teżi, għandhom jaqrawha u jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwalita` tal-kontenut tagħha u billi jħejju rapporti. Jekk jaslu għall-fehma li x-xogħol imressaq ikollu bżonn ta' tibdiliet kbar, il-Bord ma jressaqx lill-kandidat għall-eżami orali. Mill-provi ħareġ li, mill-ħames (5) membri tal-Bord, erbgħa (4) wrew tħassib dwar il-livell tax-xogħol imressaq mill-appellant qabel ma bagħtu għalih għall-eżami orali[20]. Għalhekk, is-sejħa tal-appellant għall-eżami orali fid-dawl tal-fehmiet li l-biċċa l-kbira tal-membri tal-Bord diġà kellhom dwar ix-xogħol tiegħu trid

[20] Iżda ara l-Affidavit tal-Profs. Elizabeth Silva f'paġ. 174 tal-proċess

titqies fl-għażliet li kien hemm disponibbli taħt ir-regolament 47(1)(b) tar-regolamenti, ladarba l-bidliet li kellhom isiru ma setgħux jitqiesu bħala bidliet żgħar. Jekk jerġax jissejjaħ jew le wara li jsiru l-bidliet rakkomandati mill-Bord hija għażla li r-Regolamenti jħalluha fid-diskrezzjoni tal-istess Bord qabel jibgħat ir-rapport aħħari tiegħu lis-Senat. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 47(1) jixhdu, kif sewwa sabet l-ewwel Qorti, li s-sejħa ta' kandidat għal eżami orali mhijiex fażi fejn ix-xogħol imressaq ikun diġa` approvat;

26. Illi mill-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti, jidher li bejn wieħed u ieħor kien hemm qbil bejn l-eżaminaturi li l-materjal imressaq mill-appellant kien ta' kwalita` tajba safejn jirrigwarda t-tagħrif miġbur, iżda li x-xogħol innifsu ma kienx jilħaq il-livell ta' akkademja mistenni u meħtieġ biex jirbaħ id-dottorat. Ħareġ ukoll li – għajr fil-każ ta' eżaminatur wieħed – l-erba' eżaminaturi oħrajn dehrilhom li kellhom isiru tibdiliet fix-xogħol imressaq mill-appellant. L-estent ta' dawn it-tibdiliet varja minn eżaminatur għal ieħor. It-tliet eżaminaturi Maltin kienu tal-fehma li t-teżi tal-appellant kellha nuqqas ta' rabta bejn ir-riċerka u l-aspett soċjoloġiku, aspett li kien meħtieġ f'riċerka ta' dan il-livell u biex biha seta' jingħata d-dottorat. Dik l-evalwazzjoni kienet eżerċizzju li jaqa' fis-setgħat u kompetenzi tagħhom u hija materja li l-Qrati ma jindaħlux fiha;

27. Illi l-fatt li l-Bord talab lill-appellant jattendi għall-*viva* nissel fih aspettattivi kbar li x-xogħol li ressaq kien ta' livell tajjeb biżżejjed biex jistħoqqlu l-grad ta' dottorat. Jista' jkun li l-Bord ġie kundizzjonat mill-fatt li ż-żmien kien għaddej kontra l-appellant u ma xtaqx itelliflu l-benefiċċji li kien ingħata bl-i*scholarship* li ngħata mill-Gvern sewwasew biex isegwi l-istudji tiegħu ta' dottorat. Madankollu, dak li kien meħtieġ li jsir fl-għamla ta' azzjoni mressqa minnu quddiem il-Qrati kien li wieħed jistħarreġ kif mexa l-Bord, lil hinn mill-mottivi li setgħu wassluh, u jekk il-mod li bih mexa kienx bi ksur tal-liġi jew jekk kienx 'il barra minn dawk is-setgħat;

28. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti trid tosserva li l-provi mressqa juru li, waqt l-eżami orali, l-appellant infixel u deher li ma setax iwieġeb kif jixtieq ħafna mill-mistoqsijiet li sarulu, minkejja li xi wħud mill-membri tal-Bord, magħdud il-president, ippruvaw iqawwulu qalbu. Il-wirja tiegħu waqt il-*viva* raha u fissirha is-superviżur tiegħu fi kliem skjett u bla tidwir mal-lewża. Minkejja dan, il-Bord ma waħħalx lill-appellant mill-eżami, imma talbu jagħmel il-bidliet fit-teżi. Il-Qorti tosserva wkoll li l-appellant aċċetta t-talba tal-Bord li jagħmel il-bidliet li kellhom isiru biex it-teżi tiegħu jkun jistħoqqilha l-grad ta' dottorat. Minn dan, il-Qorti ssib li sa dak iż-żmien l-appellant ma kellu l-ebda lment mill-mod kif il-Bord kien mexa jew kif ħaddem ir-Regolamenti;

29. Illi safejn l-ilment tal-appellant jirrigwarda kif mexa miegħu l-Bord wara l-eżami orali u qabel ma bagħtlu l-ittra tal-11 ta' Mejju, 2016, dan jirrigwarda wkoll kunsiderazzjoni. L-appellant jgħid li, wara li talbu jagħmel il-bidliet, il-Bord baqa' ma tahx il-lista tagħhom u x'kien mistenni minnu qabel ma jressaq it-teżi riveduta. Illi r-regolament 47(2) jagħmilha ċara li, fil-konfront tal-appellant, il-Bord kien mistenni li jgħaddilu l-lista ta' rimarki dwar xi titjib speċifiku "għall-gwida biex itejjeb id-dokument". Skond ir-regolament, dan kien dmir mandatorju li kellu jitħares. Mill-atti ma jirriżultax li din il-lista waslet għand l-appellant malajr, u jidher l-appellant spiċċa jdur lill-eżaminaturi wieħed wieħed biex jgħaddulu l-kummenti individwali u jkun jista' jaħdem fuqhom;

30. Illi l-appellata targumenta li, altru milli għenu lill-appellant, tant li l-eżaminaturi saħansitra ltaqgħu miegħu meta ma kienx mistenni minnhom li jagħmlu dan bla ma jipperikolaw l-imparzjalita` tagħhom ta' eżaminaturi;

31. Illi l-Qorti ma tilqax dan l-argument għaliex tqis li dak li kellu jagħmel l-appellant ma kienx ikun meħtieġ li kieku l-Bord wettaq dak li r-Regolamenti kienu jorbtuh li jagħmel u ċ-*Chairman* tal-Bord segwa l-proċedura preskritta. Fil-fehma tal-Qorti, din kienet ħtieġa proċedurali mandatorja li kellha titħares u li ma twettqitx. Kienet ukoll pass determinanti biex l-appellant seta' jwettaq ir-rakkomandazzjonijiet li l-Bord kien għamillu wara l-eżami orali, liema rakkomandazzjonijiet kienu

maħsuba li jħeġġuh biex jagħmel it-tibdiliet fix-xogħol tiegħu biex iġibu għal-livell li jistħoqqlu d-dottorat. Il-kwestjoni dwar jekk, minkejja t-tagħrif li ngħata minn hawn u minn hemm, l-appellant seħħlux itejjeb ix-xogħol tiegħu għal-livell mistenni jew jekk il-fehma aħħarija tal-Bord kif murija fl-ittra ta' Mejju tal-2016 kinitx tkun l-istess li kieku l-appellant ingħata fil-waqt il-lista msemmija fir-regolament 47(2), mhijiex kwestjoni rilevanti għall-finijiet tal-azzjoni ta' stħarriġ li l-ewwel Qorti u din il-Qorti warajha kienu mistennija jagħmlu;

32. Illi n-nuqqas ta' tħaris ta' ħtieġa proċedurali mandatorja fit-twettiq ta' għemil amministrattiv hija waħda miċ-ċirkostanzi li l-liġi tagħraf biex issib li dak l-għemil amministrattiv huwa "*ultra vires*"[21]. Huwa minnu li r-regolament ma jimponix żmien meta l-Bord kellu jibgħat dik il-lista, imma mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li dik il-lista ma ntbagħtet qatt lill-appellant saż-żmien kollu li kien ingħata biex iressaq ix-xogħol tat-teżi riveduta. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-Bord ma naqasx milli jħares il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji u dan lil hinn minn jekk id-deċiżjoni meħuda fl-ittra lill-appellant tal-11 ta' Mejju, 2016, kinitx raġonevoli jew le;

33. Illi meħuda qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni aggravju huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa';

[21] Art. 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12

34. Illi għar-rigward ta' **l-ewwel aggravju** li bih l-appellant jilminta li l-ewwel Qorti qalbet il-piż tal-prova minn fuq l-appellata għal fuqu dwar dak li jingħad li qallu l-president tal-Bord waqt l-eżami orali, il-Qorti taqbel għal kollox mal-ewwel Qorti. Kien fl-interess tal-appellant li jressaq xhud daqstant determinanti, u mhux jistrieħ fuq l-interpretazzjoni ta' terzi għal dak li seta' qal ħaddieħor jew f'liema kuntest ingħadet il-kelma "*congratulations*". Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li dan l-ewwel aggravju li m'għandux mis-sewwa u mhux sejra tilqgħu;

35. Illi għal dak li jirrigwarda r-rimedju li l-appellant qiegħed jitlob mingħand il-Qorti, fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv huwa mgħallem li "*by quashing the court declares that some purported decision or determination is irregular or futile and therefore of no effect in law. The result is to establish that no one need take heed of it. The question at issue has not been lawfully determined, and the responsible authority must start again and determine it properly. The difference from a declaratory judgment is that quashing positively invalidates the offending decision or act, whereas a declaration of invalidity merely leaves it exposed to other remedies if required*"[22]. Dan ifisser li jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ

---

[22] HWR Wade & CF Forsyth ***Administrative Law*** (9th Edit), paġ. 611

ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss;

36. Illi l-Qorti hija tal-fehma li ladarba sabet li l-għemil amministrattiv ma sarx kif trid il-liġi, id-deċiżjoni tal-Bord imissha titħassar u l- appellant jerġa' jitqiegħed fl-istess qagħda li kien qabel ma ntbagħtitlu l-ittra tal-11 ta' Mejju, 2016, u li l-appellata tara li titwettaq il-proċedura stabbilita taħt ir-Regolamenti fis-seħħ b'mod xieraq. Din il-Qorti tgħid ukoll li, għal dan il-għan, minħabba li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju qorti hija miżmuma milli twettaq hi b'rimedju għemil amministrattiv li l-liġi tagħtih lil awtorita` pubblika partikolari, ma tistax tilqa' dik il-parti tal-appell tal-appellant li tirrigwarda t-tielet talba tiegħu safejn talab li l-ewwel Qorti ntalbet tiddikjara li t-teżi tiegħu kellha titqies li ġiet approvata b'mod inkondizzjonat. Deċiżjoni bħal dik taqa' fil-mansjonijiet tal-Bord tal-Eżaminaturi debitament imwaqqaf u kompost;

37. Illi minħabba li l-appellant qal li ma kienx għadu qiegħed jinsisti għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, u li jirriżerva li jitlobhom fi stadju ulterjuri, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tqis it-talbiet relattivi (ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi) u żżomm lura minn kull kumment jew ġudizzju dwarhom jew is-siwi tagħhom;

***Deċide:***

38. Ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** tal-attur mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Settembru, 2020, billi ssib li fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu fl-ittra tal-11 ta' Mejju, 2016, il-Bord ta' Eżaminaturi mexa "*ultra vires*" naqas li jħares ħtiġjiet proċedurali mandatorji qabel ma wasal għall-imsemmija deċiżjoni bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u **tilqa'** l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u tiddikjara l-istess deċiżjoni bħala nulla u mingħajr effett; **tilqa'** t-tielet talba limitatament billi tordna li l-appellant jerġa' jitqiegħed fil-qagħda li kien qabel ma ntbagħtitlu l-imsemmija deċiżjoni, iżda tiċħadha fil-bqija; u **tastjeni** milli tqis it-talbiet l-oħrajn li l-appellant għażel li jħallihom għal ġudizzju ieħor fi stadju ulterjuri; u

**Tordna** li l-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** jitħallsu mill-Universita` appellata.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr